TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 1148

KAZ NRU. 1344

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Lawrence Galea

u

Agostino Azzopardi & Sons Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 6 ta' Novembru 2000

Chairman : Is-Sur George Borg-Cardona

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru ghall-Politika Socjali b'ittra datata 17 ta' Mejju 1999 b'referenza MSP/TI/45/99 skond il-provvedimenti ta' Artiklu 28 (2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm 11 il-seduta.

Lawrence Galea, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant", kien assistit mill-Avukat Ian Spiteri Bailey u Agostino Azzopardi & Sons Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-Kumpanija, kienet rapprezentata mill-Avukat Michael Grech.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant qal li kien gie mpjegat fid-9 ta' Gunju 1998 b'kuntratt indefinit u l-impieg tieghu gie terminat fit-18 ta' Marzu 1999. Kien gie sospiz fid-9 ta Marzu 1999 u r-raguni li nghata mill-Managing Director tal-Kumpanija kienet li hu kien "close hafna tas-Sur Triganza, allura ma kellux alternattiva ohra li jissospendieh ukoll b'effet immedjat". (Is-sur Triganza kien gie sospiz dak in-nhar ukoll). Fit-18 ta' Marzu 1999 kien nghata s-sensja u fuq Ic-Certifikat ta' Temm ta' l-Impieg ir-raguni li tnizzlet kienet "Redundant". Huwa ma kienx iffirma dan ic-certifikat u qal li qabel jiffirma ried jiehu parir.

Il-Kumpanija ikkontendiet li s-"sales targets" kif stipulati fil-kuntratt ma gewx milhuqa. F-diversi okkazzjonijiet gie spjegat lill-appellant li ma kienx vijabbli ghall-Kumpanija li zzomm il-post ta' Sales Manager jekk il-minimum sales targets stipulati fil-kuntratt ma jintlahqux. Minkejja l-isforzi kollha il-minimum sales targets baqghu ma ntlahqux u fic-cirkostanzi kien hemm htiega urgenti ta' ristrutturazzjoni biex jitnaqqsu l-ispejjes u l-post ta' Sales Manager ma setghax jinzamm u ghalhekk l-appellant gie "redundant".

Waqt it-trattazzjoni tal-kaz gie stabbilit kif gej :

Ghalkemm l-appellant ma kienx iffirma c-Certifikat ta' Temm ta' l-Impieg bir-raguni "Redundant" sussegwentement kien iffirmah bir-raguni "Termination of Employment" u kien accetta l-hlasijiet dovuti.

Il-partijiet qablu li s-sales (inkluzi dawk lis-Simpatia outlets stmati bejn 8% u 10% tat-total) ghall-perijodu ta' Gunju 1998 sa Frar 1999 kienu Lm 923441 paragunati ma' Lm 752258 ghall-itess perijodu ta l-1997/1998. Dan kien attribwit ghall-introduzzjoni ta' prodotti godda kif ukoll ghall-sforzi li ghamlu s-"sales force" taht it-tmexxija ta' l-appellant. Izda it-tkabbir fis-sales ma kienx biz-zejjed biex jaghmel tajjeb ghall-ispejjes ta' zieda fl-istaff u fil-prodotti tant li l-Kumpanija baqghet taghmel telf sostanzjali.

Il-Kumpanija kienet ilha titlef sostanzjalment ghal tlett snin u billi, minkejja t-tkabbir fl-operat tal-Kumpanija, dan ma wassalx biex jinqata' t-telf id-Diretturi ddecidew li l-Kumpanija jew tinbiegh lill-terzi nkella ssir ristrutturazzjoni b'merger ma kumpanija ohra jew jitnaqqas l-operat bil-ghan li l-Kumpanija ssir vijabbli u tigi salvata. Ghal diversi ragunijiet l-attentat biex l-Kumpanija tinbiegh lill-terzi jew li jsir merger ma rnexxiex. Ghalhekk l-Kumpanija ddecidiet tnaqqas l-operat u fil-fatt bejn April u Settembru 1999 naqqset l-impjegati minn 20 ghal 5, naqqset sewwa l-prodotti li kienet tbiegh u bdiet topera minn mhazen hafna izghar.

Il-kuntratt li ffirma l-appellant kien jistipula li s-sales target ghall-ewwel 12 il-xahar kellu jkun Lm 1,500,000 minghajr bejh lil Simpatia outlets; dan kellu jinqasam fi tnax il-sales target u jekk ma jntlahaqx l-ammont kumulattiv ghal tlett xhur konsekuttivi l-kumpanija kellha dritt li titterminalu l-impieg u l-appellant intrabat li jaccetta dan. Din ic-cifra kumulattiva tigi Lm 375,00 li qatt ma ntlahqet anke jekk wiehed ma jnehhix il-bejh lis-Simpatia outlets.

Wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li l-Kumpanija kellha dritt tittermina l-impieg ta' l-appellant skond it-termini tal-kuntratt kif ukoll ghal ragunijiet validi minhabba htiega ta' ristruturazzjoni li kienet tirrendi l-post li kien jokkupa mhux aktar bzonnjus.

It-Tribunal jirrimarka li hija prerogattiva ta' Principal li jiehu dawk il-mizuri li fil-fehma tieghu huma mehtiega ghall-gid tal-Kumpanija. Jirrimarka wkoll li l-Kumpanija, fuq l-ammissjoni taghha li l-appellant kien taha sevizz tajjeb, setghet itterminat l-impieg tieghu b'mod aktar grazzjus. Jinnota wkoll li l-appellant kien sab xoghol iehor fi zmien xahar.

It-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija kellha raguni tajba u sufficienti skond il-ligi biex tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin liri Maltin).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg-Cardona
Chairman

Emma Muscat
A/Segretarja